MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Numru 305/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**CHARLES DEMICOLI**

**Illum 10 ta' Mejju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Charles Demicoli ta' 50 sena bin Carmelo u Josephine Scerri, imwieled Haz-Zabbar fil-10.3.1954 u residenti 165 Alley 1, Biccieni Street, Haz-Zabbar. ID. Card No. 267454M gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Mejju, 1999 u matul is-snin ta' qabel din id-data, bhala id-detentur tal-fond Tacsum Store, Triq Santa Marija, Haz-Zabbar ukoll wara inzul ix-xemx, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-elettriku, tal-kwalita` mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' dawl elettriku fil-valur ta' Lm 382, 43c.2 liri maltin izda inqas minn elf liri maltin mill-fond Tacsum Store, Triq Santa Marija, Haz-Zabbar, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. WS2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz. Inoltre l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu wkoll konsapevoli li l-imputat ghandu fedina penali netta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 267, 270, 278 (3) u 280 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charles Demicoli, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz u li inoltre l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu wkoll konsapevoli li l-imputat ghandu fedina penali netta, tillibera lill-istess imputat taht il-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Charles Demicoli l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti, barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta’ l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi l-Qorti rat li l-espert li gie nominat kien fl-Inkjesta u mhux fil-kawza ghalhekk tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------